MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 48/2009

**Rikors Numru 48/09**

**(gia Appell Numru 12/03)**

**Kenneth Vassallo**

**vs**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

Illum 16 ta' Mejjun 2014

It-Tribunal

*Din hija sentenza li qed tinghata fi proceduri li kienu nbdew quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali ai termini ta' l-Att Dwar t-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 57(4) tal-Kapitolu 364 kif emendat b'l-Avviz Legali 245 tas-sena 2009 komplew jinstemaw minn dan it-Tribunal.*

*A skans ta' ekwivoci u b'kontinwita mal-proceduri kif mibdija Kevin Vassallo ser jibqa jissejjah "appellant" u l-Kummisarju tat-Taxxi Interni ser jibqa jissejjah "appellat".*

Ra r-rikors ta' l-appell promotur datat 22 ta' Dicembru 2003 li permezz tieghu l-appellant appella mill-likwidazzjoni ta' taxxa (fuq dokumenti u trasferimenti) dwar trasferiment ta' propjeta mmobbli favur l-appellant Kenneth Vassallo liema trasferiment sehh fit-23 ta' Marzu 2001; il-likwidazzjoni finali ta' taxxa maghmula mill-Kummissarju hija datata 22 ta' Ottubru 2001.

Ra r-risposta ta' l-appellant datata 26 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha ssottometta li l-likwidazzjoni hija gusta u timmerita konferma.

Ra d-dokumenti esebieti u l-atti processwali.

Ra ir-rapport ta'l-Assistant Tekniku tat-Tribunal.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri fil-qosor huma s-segwenti:

- Fit-23 ta’ Marzu 2001 l-appellant akkwista fond (kerrejja) fi stat dilapidat numru 98 Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, li parti minnu huwa okkupat minn Nazzareno Grech; dan il-bejgh sar bil-prezz ta’ ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000). L-att relattiv gie pubblikat min-Nutar Dr Henri Vassallo.
- L-avviz ta’ trasferiment bil-hlas tat-taxxa provizorja u boll relattiv sar fis-27 ta’ Marzu 2001.
- Il-Kummissarju appellat, wara stima li saret minn perit inkarigat minnu (il-Perit Simon Saliba), stabilixxa l-valur ta’ dan il-fond f’l-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf lira Maltija (Lm21,000) u hareg likwidazzjoni ta’ taxxa f’l-10 ta’ Awissu 2001. L-appellant oggezzjoni ghal din il-likwidazzjoni pero permezz ta’ decizjoni tieghu tas-6 ta’ Ottubru 2003 il-Kummissarju appellat cahad din l-oggezzjoni u llikwida finalment it-taxxa u t-taxxa addizzjonali pagabbli mill-appellant f’l-ammont ta’ elf , sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm1,650). L-avviz ta’ din il-likwidazzjoni nhareg fit-22 ta’ Ottubru 2003.
- Fit-22 ta’ Dicembru 2003 l-appellant interpona dan l-appell quddiem il-Bord tal-Kummissarji Specjali; huwa jallega li l-prezz dikjarat fil-kuntratt huwa wiehed reali u jirrispekkja l-valur tas-suq f’dak il-perjodu.

Ikkunsidra

Illi l-appell odjern kien gie intavolat quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Illi permezz tal-Att XXII tas-sena 2011 (il-Kapitolu 517 tal-Ligijiet ta’ Malta) id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u d-Dipartiment tad-Dwana gew amministrattivament inkorporati f’dipartiment wiehed li beda jissejjah id-Dipartiment tat-Taxxa issa mmexxi

minn Kummissarju wiehed imsejjah il-Kummissarju tat-Taxxi. Gie stabbilit li ghal kull wiehed mit-tlett “divizzjonijiet” fi hdan dan id-dipartiment il-gdid ghandu jkun hemm Direttur Generali. In oltre permezz ta’l-Avviz Legali 172 tas-sena 2012 gie stabbilit li f’kull att gudikzjarju jew azzjoni gudizzjarja il-kliem “Kummissarju tat-Taxxi Interni” jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhal kliem “Direttur Generali (Taxxi Interni)”.

Illi ghalhekk huwa car li kull referenza ghall-Kummisarju tat-Taxxi Interni fil-proceduri odjerni ghandha titqies bhala referenza ghad-Direttur Generali (Taxxi Interni) u li konsegwentement din is-sentenza ghandha taghmel stat fil-konfront tad-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Ikkunisdra

Illi fil-mertu jirrizulta nkontestat li fid-data ta’ l-akkwist tieghu da parti ta’l-appellant il-fond in ezami kien fi stat dilapidat u perkoluz. Jirrizulta ukoll li f’l-istess zmien parti minn dan il-fond kien okkupat minn terz b’titolu ta’ lokazzjoni. L-unika fatt li m’hemmx qbil dwaru (u li huwa propju l-punt li wassal ghall-proceduri odjerni) huwa l-valur reali tal-propjeta; l-appellat jinsisti li l-valur korrett huwa dak stmat mill-perit minnu inkarigat cioe Lm21,000 fil-waqt li l-appellant jinsisti li l-valur korrett huwa dak dikjarat fil-kuntratt u cioe Lm10,000. Ghandu jigi rilevat li l-Assistent tat-Tribunal, il-Perit Mannie Galea, wara li acceda fuq il-fond u ghamel spezzjoni tieghu vvalutah (fiz-zmien tat-trasferiment) f’l-ammont ta’ €23,294 somma ekwivalenti ghal Lm10,000.

Illi ai termini tar-regolament 3 ta’l-Avviz Legali 98 tas-sena 1993 *il-valur ta’ kull proprjetà soggetta ghat-taxxa skond il-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta’ Malta, mghoddija bi trasferiment inter vivos jew causa mortis, ghandu jkun il-valur ta’ dik il-proprjetà fid-data tat-trasferiment*. In oltre f’l-istess

regolament huwa stabbilit li *l-valur tal-proprjetà assoluta ta' kull proprjetà fid-data rilevanti ghandu jkun il-prezz medju li dik il-proprjetà kienet iggib li kellha tinbiegh fis-suq liberu f'dik id-data, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha li jolqtu lil dik il-proprjetà.*

Illi fil-kaz in ezami (a differenza ta' hafna kazijiet ohra fejn jigi kontestat il-valur ta' propjeta trasferieta) huwa relattivament facli li wiehed jistabilixxi x'kien il-valur tal-propjeta fid-data tat-trasferiment. Dan ghaliex il-propjeta ghadha ezattament f'l-istess li kienet fiha meta giet trasferita lill-appellant fis-sens li l-appellant m'ghamel l-ebda xoghol u halla kollox kif kien. Konsegwentement kellu jkun facli ghall-periti koncernati biex jivvalutaw il-propjeta f'l-stat li kienet meta giet akkwistat mill-appellant. Minnkejja dan il-perit inkarigat mid-Direttur Generali taha valur ta' Lm21,000 u l-perit Assistant tat-Tribunal taha valur ekwivalenti ghal Lm10,000.

Illi f'dan l-isfond it-Tribunal huwa tal-fehma li jkun ezercizju utli li jara x'wassal lil kull wiehed mill-periti koncernati biex jasal ghal valutazzjoni tieghu.

Illi sfortunatament mill-provi prodotti ma jirrizultawx id-dettalji ta' kif wasal ghal valutazzjoni tieghu l-perit Saliba. L-istima tieghu, esebieta bhala Dok SS (a fol 69), tghid biss li *after inspecting the abovementioned premises it is my considered opinion that the real value of the whole property in question is Lm21,000.* Il-Perit Saliba tressaq bhala xhud; pero id-depozizzjoni tieghu ma tantx ghenet fis-sens li huwa ma ftakar xejn dwar din l-ispezzjoni u l-konsegwenti valutazzjoni. Huwa spjega f'termini generali li meta jaghmel valutazzjoni ta' propjeta huwa normalment jiehu in konsiderazzjoni l-post fejn hu sitwat il-fond, il-kundizzjoni, u jezistux fatturi ohra li jistghu jaffettwaw il-propjeta bhal cens u affarijiet ohra.

Illi l-Perit Galea min-naha l-ohra jispjega li l-propjeta hija kerrejja fuq tlett sulari li pero ghandha l-bieb ta' barra biss li jaghti ghall-faccata fil-waqt li l-kmamar kollha li jiffurmaw parti minnha jharsu fuq il-bitha interna. Huwa jikkonfema li l-propjeta mhux biss hija fi stat strutturali hazin hafna b'soqfa u turgien imwaqqa imma addiritura qeghda fi stat ta' perikolu kbir. Huwa jispjega ukoll li din il-kerrejja tinsab fin-naha t'isfel ta' Triq ir-Repubblika b'l-ebda possibilta ta' xi uzu kummercjali 'l quddiem u li kienet (in parti) okkupata minn terz b'titolu ta' lokazzjoni. Il-perit Galea wara li ha in konsiderazzjoni il-kejl, il-karatteristici arkitettonici, u l-istat strutturali perikoluz kif ukoll l-ispejjez necessarji biex il-post jerga jsir abitabbli wasal ghall-valur ta' €23,294.

Illi tenut kont li jidher li l-perit Galea ha in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jistghu b'xi mod jkollhom effett fuq il-valur tal-propjeta in ezami fil-waqt li ma jistax jinghad bi precizjoni x'wassal lill-perit Saliba biex jasal ghall-valutazzjoni tieghu, dan it-Tribunal huwa huwa sodisfatt li l-valur ta' Lm10,000 dikjarat mill-appellant bhala l-prezz tal-fond in kwistjoni mhux biss kien dak li attwalment thallas imma kien jirrifletti l-valur reali tas-suq.

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li fil-motivazzjoni ghad-decizjoni tieghu tas-6 ta' Ottubru 2003 permezz ta' liema il-Kummissarju appellat cahad l-oggezzjoni ta' l-appellant huwa rrefera ukoll ghall-fatt li l-bejjiegha minghand minn akkwista l-fond in ezami l-appellant m'oggezzjonawx ghal-likwidazzjoni ta' taxxa u hallsu t-taxxa u taxxa addizjonali pretizi mill-Kummissarju.

Illi dan pero mhux fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fid-decizjoni jekk il-likwidazzjoni ta' taxxa hiex gustifikata jew le. Il-fatt li parti taghzel li, ghar-ragunijiet taghha, taccetta likwidazzjoni ta' taxxa ma jfissirx li din l-ghazla tista' b'xi mod kwalunkwe timpingi negattivament fuq id-dritt tal-parti ohra li tipprevalixxi ruhha mid-dritt ta' appell lilha moghti permezz tal-Ligi.

Illi tenut kont tas-suespost it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kontestazzjoni ta'l-appellant ghad-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 6 ta' Ottubru 2003 u l-konsegwenti likwidazzjoni ta' taxxa mahruga kontra tieghu fit-22 ta' Ottubru 2003, hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell interpost mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 6 ta' Ottubru 2003 u l-konsegwenti likwidazzjoni tat-taxxa mahruga kontra ta'appellant fit-22 ta' Ottubru 2003 u jirrevoka u jannulla l-istess imsemmija decizjoni u likwidazzjoni b'l-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxi Interni).

Ai termini ta' l-Artikolu 58(4) tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta' din id-decizjoni, tad-data taghha u ta' dak li effettivament gie deciz jintbaghat lid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------